**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Mary Rose Vella Haber ta' 47 sena, mart Michael, bint Lawrence Darmanin u Josephine xebba Bezzina li toqghod 'Il-Bejta', Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex.**
**(I.D. 332152 M)**

Illum 7 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli nhar id-19 ta' Ottubru 1999 ghall-habta tas-7:35 a.m. fi Triq Papa Gwanni Pius IX, Qala, Ghawdex, (1) saqet vettura Nru MVH 007 b'manjiera traskurata u perikoluza, (2) aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habtet ma' karozza Nru EAZ 157 u kkagunatilha hsarat b'detriment ghal Marbeck Cremona minn Fontana u anke kkagunatilha feriti ta' natura gravi fuq is-sewwieqa Marbeck Cremona skond kif iccertifika Dr Joseph Rapa M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, (3) aktar talli kagun ta' l-istess kollizzjoni kkawzat hsarat fuq il-proprjeta` ta' Angela Sancto mill-Qala, Ghawdex;

Semghet ir-rinunzja tal-partijiet;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi stante rinunzja tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu t-tieni akkuza;

Ikkunsidrat illi dwar it-tielet akkuza, u cioe` l-hsarat subiti minn Angela Sancto, ma ngiebet ebda prova u kwindi tillibera lill-imputata minn din l-akkuza;

Ikkunsidrat din l-ewwel akkuza u cioe` dik ta' sewqan b'manjiera traskurata u perikoluza, illi stante li ma xehed hadd li jista' jitfa` xi dawl fuq ir-responsabilita` kriminali o meno ta' l-imputata, l-Qorti ma tistax biss tesplora dan fuq skizz esebit in atti;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputata hatja ta' l-ewwel akkuza fuq nuqqas ta' provi u tilliberaha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur